



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6746/22
ADD 1
LIMITE
PV CONS 10
JAI 270

ABBOZZ TA' MINUTI

Laqgħa straordinarja tal-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)

27 ta' Frar 2022

WERREJ

Paġna

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

2. Rispons Ewropew għas-sitwazzjoni fl-Ukrajna - azzjonijiet li għandhom jittieħdu 3
3. Affarijiet oħra 3

Attivitajiet mhux leġislattivi

2. Rispons Ewropew għas-sitwazzjoni fl-Ukrajna - azzjonijiet li għandhom jittiehdu¹:

- Appoġġ umanitarju
- Azzjonijiet fil-qasam tal-akkoljenza u s-solidarjeta
- Il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-isfidi għas-sigurtà
- Miżuri tal-viża
- Antiċipazzjoni ta' theddid ibridu

Il-Kummissjoni pprovdiet ħarsa ġenerali lejn il-ħtiġijiet u l-assistenza li għaddejja fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna. L-Istati Membri l-aktar milquta pprovdew informazzjoni dettaljata dwar is-sitwazzjoni fil-post. Il-Presidenza indikat li ser tattiva l-mekkaniżmu tal-IPCR bil-ħsieb li tikkoordina s-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni ħabbret li ser tippreżenta proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill biex tiskatta l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja tal-2001. Il-Kummissjoni ser tippreżenta wkoll linji gwida għat-twettiq ta' kontrolli fil-fruntiera esterna tal-UE b'mod fluwidu fid-dawl tal-flussi massivi ta' persuni li qed jaħarbu mill-Ukrajna.

3. Affarijiet oħra

Ma tqajjem ebda punt taħt din l-intestatura.

¹ B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen.